DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1471

tal-10 ta' Awwissu 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2013/162/UE biex tirrevedi l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2017 sal-2020

(notifikata bid-dokument C(2017) 5556)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE ([2]) tiddetermina l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEAs) tal-Istati Membri għall-perjodu 2013-2020 bl-użu tad-dejta tal-inventarji tal-gassijiet serra (GHG) tal-Istati Membri stabbiliti skont il-Linji Gwida tal-1996 tal-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tagħha.

(2) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2013/162/UE, l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2014 ([3]) eżiġa li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti tal-inventarji tal-gassijiet serra kif stabbilit f'konformità mal-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra IPCC tal-2006, u l-linji gwida tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) dwar ir-rapportaġġ tal-inventarji annwali kif stabbilit fid-Deċiżjoni 24/CP.19 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC.

(3) L-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jobbliga lill-Kummissjoni teżamina l-impatt tal-użu tal-linji gwida tal-IPCC 2006, jew tal-bidliet fil-metodoloġiji użati tal-UNFCCC, fuq l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-Istati Membri rilevanti għall-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 406/2009/KE sa Diċembru tal-2016, bil-ħsieb li tiġi żgurata konsistenza bejn il-metodoloġiji użati għad-determinazzjoni tal-AEAs u r-rappurtar annwali mill-Istati Membri wara d-data ta' dak l-eżami.

(4) Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u abbażi tad-dejta tal-inventarji tal-gassijiet serra kif riveduta skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni eżaminat l-impatt tal-użu tal-Linji Gwida tal-IPCC tal-2006 u tal-bidliet fil-metodoloġiji użati tal-UNFCCC fuq l-inventarji tal-gassijiet serra tal-Istati Membri. Id-differenza fl-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra rilevanti għall-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE taqbeż il-1 % għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Fid-dawl ta' dan l-eżami, l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għas-snin 2017-2020 li jinsabu fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2013/162/UE għandhom jiġu riveduti sabiex titqies id-dejta aġġornata rrappurtata fl-inventarji u riveduta skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 fl-2016. Din ir-reviżjoni għandha ssir bl-użu tal-istess metodoloġija bħal dik użata biex jiġu determinati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet bid-Deċiżjoni 2013/162/UE.

(5) Ir-reviżjoni tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għandha tkun limitata sa dawk li kienu allokati għas-snin 2017-2020, peress li l-Istati Membri ma jistgħux aktar jibdlu l-politiki u l-miżuri tagħhom għall-emissjonijiet ta' gassijiet sera għas-snin 2013-2016. Madankollu, f'ġieħ iċ-ċarezza l-Anness II kollu tad-Deċiżjoni 2013/162/UE għandu jinbidel, filwaqt li ma jinbidlux l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin 2013-2016.

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 28.3.2013, p. 106).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti sostantivi għal sistema ta' inventarju tal-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-bidliet fil-potenzjali ta' riskaldament globali u ta' gwida ta' inventarji li sar ftehim dwarhom f'livell internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 26).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013 p. 13).

(6) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2013/162/UE jirreferi għall-valuri tal-potenzjal ta' tisħin globali mir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC kif adottat bid-Deċiżjoni 15/CP.17 tal-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC. Sadanittant il-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC addottat id-Deċiżjoni l-ġdida 24/CP.19 li tfakkar fid-Deċiżjoni 15/CP.17 u tikkonferma l-valuri mir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC. L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 666/2014 jeżiġi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu użu mill-potenzjali għat-tisħin globali elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 24/CP.19 għall-fini tad-determinazzjoni u r-rappurtar tal-inventarji tal-gassijiet serra skont il-paragrafi 1 sa 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. F'ġieħ iċ-ċarezza r-referenza għad-Deċiżjoni 15/CP.17 fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2013/162/UE għandha għalhekk tinbidel b'referenza għad-Deċiżjoni 24/CP.19.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/162/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, id-"Deċiżjoni 15/CP.17" hija sostitwita mid-"Deċiżjoni 24/CP.19";

(2) L-Anness II huwa sostitwit mit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni
Miguel ARIAS CAÑETE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II

L-Allokazzjoni Annwali tal-Emissjonijiet tal-Istati Membri mis-sena 2013 sas-sena 2020 ikkalkulata bl-applikazzjoni tal-valuri talpotenzjal ta' tisħin globali mir-raba' rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC

Stat Membru	Allokazzjoni Annwali tal-Emissjonijiet (f'ekwivalenti ta' tunnellati ta' diossidu tal-karbonju)							
	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Il-Belġju	82 376 327	80 774 027	79 171 726	77 569 425	76 190 376	74 703 759	73 217 143	71 730 526
Il-Bulgarija	28 661 817	28 897 235	29 132 652	29 368 070	27 481 112	27 670 637	27 860 163	28 049 688
Ir-Repubblika Ċeka	65 452 506	66 137 845	66 823 185	67 508 524	67 971 770	68 581 207	69 190 644	69 800 080
Id-Danimarka	36 829 163	35 925 171	35 021 179	34 117 187	34 775 642	33 871 444	32 967 246	32 063 048
Il-Ġermanja	495 725 112	488 602 056	481 479 000	474 355 944	453 842 854	446 270 289	438 697 724	431 125 160
L-Estonja	6 296 988	6 321 312	6 345 636	6 369 960	5 928 965	5 960 550	5 992 135	6 023 720
L-Irlanda	47 226 256	46 089 109	44 951 963	43 814 816	41 194 830	40 110 780	39 026 731	37 942 682
Il-Ġreċja	61 003 810	61 293 018	61 582 226	61 871 434	61 029 668	61 298 009	61 566 349	61 834 690
Spanja	235 551 490	233 489 390	231 427 291	229 365 191	225 664 376	223 560 157	221 455 939	219 351 720
Franza	408 762 813	403 877 606	398 580 044	393 282 481	371 789 603	366 284 473	360 779 342	355 274 211
Il-Kroazja	21 196 005	21 358 410	21 520 815	21 683 221	20 147 020	20 330 287	20 513 553	20 696 819
L-Italja	317 768 849	315 628 134	313 487 419	311 346 703	307 153 729	304 562 057	301 970 385	299 378 714
Ċipru	5 919 071	5 922 555	5 926 039	5 929 524	4 196 633	4 122 837	4 049 042	3 975 247
Il-Latvja	9 279 248	9 370 072	9 460 897	9 551 721	9 747 135	9 834 273	9 921 411	10 008 549
Il-Litwanja	17 153 997	17 437 556	17 721 116	18 004 675	18 033 267	18 327 321	18 621 376	18 915 430
Il-Lussemburgu	9 814 716	9 610 393	9 406 070	9 201 747	8 992 800	8 780 781	8 568 762	8 356 742
L-Ungerija	50 796 264	51 906 630	53 016 996	54 127 362	50 432 363	51 347 175	52 261 987	53 176 800
Malta	1 168 514	1 166 788	1 165 061	1 163 334	1 174 524	1 173 666	1 172 808	1 171 950
In-Netherlands	125 086 859	122 775 394	120 463 928	118 152 462	116 032 216	113 763 728	111 495 240	109 226 752
L-Awstrija	54 643 228	54 060 177	53 477 125	52 894 074	51 372 672	50 751 430	50 130 188	49 508 946
Il-Polonja	204 579 390	205 621 337	206 663 283	207 705 229	210 107 929	211 642 729	213 177 529	214 712 329
Il-Portugall	49 874 317	50 139 847	50 405 377	50 670 907	48 431 756	48 811 632	49 191 508	49 571 384
Ir-Rumanija	83 080 513	84 765 858	86 451 202	88 136 547	90 958 677	92 739 954	94 521 231	96 302 508
Is-Slovenja	12 278 677	12 309 309	12 339 941	12 370 573	12 161 170	12 196 719	12 232 267	12 267 816
Is-Slovakkja	25 877 815	26 203 808	26 529 801	26 855 793	26 759 746	27 028 129	27 296 513	27 564 896
Il-Finlandja	33 497 046	32 977 333	32 457 619	31 937 905	31 771 327	31 185 203	30 599 079	30 012 956
L-Iżvezja	43 386 459	42 715 001	42 043 544	41 372 087	39 377 620	38 772 710	38 167 800	37 562 890
Ir-Renju Unit	358 980 526	354 455 751	349 930 975	345 406 200	360 630 247	357 464 952	354 299 657	351 134 362"